**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur James Grech)**

**vs**

**Clint Micallef**

**Kumpilazzjoni numru 908/2015**

**Illum 29 ta' Jannar, 2016**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Clint Micallef** detentur tal-karta tal-identita bin-numru 157577M billi huwa akkuzat talli f'xi jum bejn is-16 u t-18 ta' April 2013 ikkommetta serq ta' ammont ta' fwieha u/jew oggetti ohra minn gewwa store sitwat gewwa 13, Dawn, Triq ir-Ridott, Naxxar liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz u bil-valur li jeccedi l-ammont ta' €2,329.37 ghad-detriment ta' Brian Nicholas Navarro u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet ohra.

Il-Qorti giet gentilment mitluba titratta ma' Clint Micallef bhala recediv ta' sentenzi li saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula u dan ai termini ta' Artikolu 49, 50 u 289 ta' Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet il-provi.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti.

Semghet is-sottomissjonijiet finali maghmula mill-prosekuzzjoni u d-difiza.

**Ikkunsidart:**

Illi l-kaz in ezami sehh fis-16 u t-18 ta' April 2013 u l-kaz wasal il-Qorti aktar minn sentejn u nofs wara li sehh. Il-Qorti se tqis fid-decizjoni taghha: l-ammissjoni bikrija tal-imputat, l-koperazzjoni tal-imputat mal-pulizija u id-dikjarazzjoni tal-imputat li jixtieq ihallas lid-derubat tad-danni li kkagunalu.

Illi l-imputat ghamel progress sostanzjali f'hajtu. Illum l-gurnata l-imputat ghandu impjieg u ma regax xellef dufrejh mal-gustizzja sal-gurnata tallum. Illum il-gurnata rriforma hajtu bl-ghajnuna ta' istituzzjonijiet non-governattivi u s-sapport li sab mill-familjari tiegħu.

Illi l-Prosekuzzjoni qablet li l-Qorti m'ghandiex timponi piena karcerarja fil-konfront tal-imputat.

Illi in linea generali jibda biex jinghad li *l-piena m'ghandiex isservi bhala xi forma ta' vendikazzjoni tas-socjeta` fil-konfront tal-hati. Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu importanza, fost affarijiet ohra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll ir-*

*riforma tal-istess hati. Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta`. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b'ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta` dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic-cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena.*[1]

Illi c-cirkostanzi ta' kull kaz huma partikolari ghal dak il-kaz u normalment ivarjaw radikalment mic-cirkostanzi ta' kull kaz iehor. Huwa impossibbli ghall-legislatur li jipprevedi dawn ic-cirkostanzi kollha u, a priori, jistabilixxi (ghal kull reat) piena specifika ghal kull sensiela ta' cirkostanzi differenti li fihom jista' jitwettaq dak l-istess reat.

Illi huwa propju ghalhekk illi ghal kull reat il-Ligi ma tistipulax piena fissa imma tistipula minimu u massimu; jispetta lill-Qorti biex fid-diskrezzjoni taghha, u entro dawk il-parametri, teroga dik il-piena permezz ta' liema, skont ic-cirkostanzi ta' kull kaz, tipprova ssib dak il-bilanc gust bejn d-diversi skopijiet li ghandhom jintlahqu.

Illi dwar il-varji modi kif il-Qorti tista' titratta ma' persuna misjuba hatja ta' xi reat u x'evalwazzjoni ghandha ssir biex jigi stabbilit liema minn dawn il-modi jservi l-aktar lill-gustizzja, kellha l-opportunita tippronunzja ruhha l-Qorti ta' l-Appell Kriminali. Fis-sentenza mghotija fil-kawza Il-Pulizija vs Maurice Agius[2] dik il-Qorti qalet hekk:

*Huwa car...., li l-ewwel haga li qorti trid tiddecidi hi jekk il-kaz jimmeritax piena ta' prigunerija, b'mod li jigu eskluzi (jekk kienu talvolta applikabbli u mhux aprioristikament eskluzi mill-ligi stess) mizuri bhal ordinijiet maghmula taht l-Att*

[1] Ref Ir-Repubblika ta' Malta vs Rene sive Nazzareno Micallef: Appell Kriminali deciz 28.11.2006.
[2] Deciza fit-13 ta' Novembru 2009.

*dwar il-Probation jew multa. Jekk jigi stabbilit, tenut kont tac-cirkostanzi kollha, li l-kaz kien jimmerita prigunerija, il-gudikant irid jghaddi ghat-tieni stadju, u cioe` biex jiddetermina t-tul ta' tali prigunerija. Hawn ukoll il-gudikant ma jridx joqghod ihares lejn is-subartikolu (1) tal-Artikolu 28A u jipprova jara kif ibaxxi l-piena biex igibha ma teccedix is-sentejn. Il-piena ta' prigunerija trid tkun dik il-piena li oggettivament taghmel ghall-kaz, indipendentement minn jekk tkunx tista' tigi sospiza o meno. Huwa biss jekk il-piena hekk oggettivament stabbilita ma tkunx ta' aktar minn sentejn prigunerija li l-gudikant jghaddi ghat-tielet stadju, u cioe`biex jikkonsidra jekk ghandux jissospendi o meno tali piena (ghal periodu ta' mhux anqas minn sena u mhux izjed minn erba' snin). Huwa evidenti li l-ewwel haga li trid issir f'dana t-tielet istadju hi li wiehed jara jekk hemmx xi ostakolu statutorju ghal tali sospensjoni ....; jekk ma hemmx tali ostakoli, allura, u allura biss, tqum il-kwistjoni ta' jekk il-piena ta' prigunerija ghandhiex tigi sospiza u, jekk jkun jidhrilha li l-kaz ikun wiehed li fih sentenza ta' prigunerija ghandha tigi sospiza, x'ghandu jkun il-periodu operattiv taghha (cioe` ghal kemm zmien tibqa' hekk sospiza fuq ras il-hati).*

**Ikkunsidrat**

Il-Qorti thoss li f'dan il-kaz barra dak li tipprovdi l-ligi fejn tidhol piena, hemm bzonn ta' gustizzja ta' rikonciljazzjoni.

Dwar dan tkellem tant tajjeb Papa Frangisku meta kien qieghed jindirizza lill-partecipanti tal-Konvenju Nazzjonali tal-Kappillani tal-Habsijiet Taljani nhar l-Erbgha 23 ta' Ottubru 2013 *"Dan l-ahhar tkellimtu dwar gustizzja ta' rikonciljazzjoni, imma anki dwar gustizzja ta' tama, ta' bibien miftuha, ta' orizzonti. Din mhix utopija, nistghu naslu ghaliha. Mhix facli, ghax id-dghufijiet taghna qeghdin kullimkien, it-tentazzjonijiet qeghdin kullimkien, imma dejjem ghandna nippruvaw."*

**Xoghol fil-komunita' u hlas lura**

Din il-Qorti tqis li fic-cirkostanzi ta’ dan il-kaz l-imputat ghandu jpatti ghal ghemilu mhux biss billi jrodd lura lill-*parte civile* l-valur fi flus tal-oggetti li seraq stante li l-gravita’ ta’ dak li wettaq jimmerita sentenza ta’ prigunerija. Izda il-Qorti tqis li fic-cirkostanzi tal-kaz, ikun aktar ahjar ghas-socjeta’ u l-*parte civile* jekk l-imputat ikompli jahdem u b’hekk ikollu minn fejn ikompli jhallas lill-vittma il-bilanc kollu tal-flus tal-oggetti misruqa.

Mill-banda l-ohra huwa mehtieg pero’ li l-hati jifhem kemm huwa hazin dak li ghamel u li ghalih issa jrid ihallas lis-socjeta’ li huwa offenda bir-reati tieghu billi, jirrendi ruhu socjalment utli u jaghmel għadd twil ta’ sieghat ta’ xogħol lil min hu fil-bzonn minghajr ma jithallas tieghu; u fl- istess hin ma jkunx ta’ aktar piz fuq is-socjeta’.

**DEĊIDE**

Il-Qorti wara li rat l-Artikoli 17, 31, 49, 50, 261, 263, 267, 289 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta qieghda ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u wara li rat ukoll l-Artikoli 2, 11 sa’ 14 u 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, minflok taghti piena ta’ prigunerija kontra l-imputat, meta hadet kont ukoll tal-valur tal-oggetti misruqa qieghda tqieghed lill-hati taht ordni ta’ servizz fil-komunita’ bil-kundizzjoni li jagħmel xogħol bla hlas ghal mitt (100) siegha f’dak il-post u b’dawk l-arrangamenti li jsiru mid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole u bil-kundizzjonijiet kollha l-ohra imsemmija fid-digriet hawn anness. Il-Qorti tirrakomanda li x-xoghol issir mal-Caritas minhabba l-esperjenza li ghandu l-imputat fil-qasam tar-riabilitazzjoni.

A tenur tal-Artikolu 11(4) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tiddikjara wkoll li qabel ma emanat tali ordni, hija kienet fissret lill-ħati bi kliem car u li jinftiehem, l-effetti tal-ordni ta' servizz fil-komunita' kif ukoll tal-kundizzjonijiet kollha elenkati fid-digriet anness ma' din is-sentenza u li f'kaz li jonqos milli jikkonforma ruhu ma' dawk l-ordnijiet u dawk il-kundizzjonijiet u/jew f'kaz li jaghmel reat iehor huwa, jista' jinghata sentenza ghar-reati li taghhom instab hati b'din is-sentenza, nonche l-konsegwenzi li jistghu jigu sofferti f'kaz ta' nuqqas t'adezjoni mat-termini tal-ordni hawn fuq imsemmi.

Ai termini tal-Artikolu 11(5) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il- Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u tal-ordni ta' servizz fil-komunita' bid-digriet ta' llum stess ghandhom jigu trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation u Parole, lill-Ufficjal tal-Probation assenjat lill-ħati kif ukoll lill-awtoritajiet responsabbli mis-sorveljanza tat-twettieq tal-ordni hawn fuq imsemmi.

A tenur ta' u wara li rat l-Artikoli 532A u l-Artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qiegħda tordna lill-ħati sabiex ihallas lill-*parte civile* Brian Nicholas Navarro s-somma ta' elfejn u hames mitt ewro (€2,500) rapprezentanti d-danni sofferti minħabba r-reat li wettaq il-hati u dan fi żmien tliet snin millum.

Il-Qorti, bis-sahha tad-dispost ta` l-Artikolu 533 tal-Kap 9, tordna lill-hati ihallas lir- Registratur tal-Qorti s-somma ta` hames mija u dsatax-il ewro u sebgha u tletin centezmu (€519.37) rappresentanti l-ispejjez konnessi mal-hatra ta` l-esperti Dr. Anthony Cutajar u s-Scene of the Crime Officers PS 644 Evan Camilleri u PC 910 Sean Pace. Konsegwentement qed tordna li kopja ta` din is- sentenza tigi komunikata lir-Registratur (Qrati u Tribunali Kriminali) sabiex issehh l-ezekuzzjoni ta` din l-Ordni skond il-ligi.

Wara li rat l-Artikoli 392A (2) u 401 (3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li l-atti kollha ta' dan il-process flimkien ma' kopja tas-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien li trid il-Ligi.

---

**Ft./Dr. Joseph Mifsud**

**Magistrat**

**Vera Kopja**

**Margaret De Battista**

**Deputat Registratur**